MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2005

Rikors Numru. 1/1999/2

Kummissarju tal-Artijiet
Vs
Maria Teresa Deguara Caruana Gatto, Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicola Jensen, Agnes Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Alfred Gera de Petri bhala prokuratur tal-assenti Irene Bache u bhala ezekutur tal-eredita ta Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq

Il-Bord,

Ra c-citazzjoni (fol 2 u 3)

Premess illi permezz ta citazzjoni u rikors fl-istess ismijiet bhac-citazzjoni odjerna (Cit Nru 10/97 u Rikors Nru 1/97 N3 RC) presentati f'dan il-Bord fl-10 ta Jannar 1997 l-esponent talab lil dan il-Bord sabiex ihassar u jirrevoka u jordna r-ritrattazzjoni tas-sentenza tieghu tal-10 ta Ottubru 1996 fil-kawza ukoll fl-istess ismijiet bhal dik odjerna (Rikors Numru 2/97);

Premess illi l-konvenuti non ostante t-talba ghar-ritrattazzjoni qeghdin jinsistu illi jesegwizzu l-imsemmija sentenza tal-Bord tal-10 ta Ottubru 1996 non ostante li din hija, inter alia, inesegwibbli;

Premess illi jekk tigi esegwita l-imsemmija decizjoni bil-mod kif qed jippretendu l-konvenuti qabel ma tigi deciza t-talba ghar-ritrattazzjoni l-esponent isofri pregudizzju serju billi jkun qieghed jigi imgieghel ihallas flus lill-konvenuti indebitabment;

Illi l-pregudizzju li jista jsofri l-attur bl-esekuzzjoni tas-sentenza soggetta ghal-proceduri ta ritrattazzjoni certament jeccedi l-pregudizzju li jistghu isofru l-konvenuti fil-kaz illi l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza tigi sospiza u li dik is-sentenza tigi esegwita biss, jekk ikun il-kaz, wara li jigu d ecizi l-imsemmija proceduri ta ritrattazzjoni;

Premess illi skond l-Artikolu 905 tal-Kodici ta Organizzazjoni u Procedura Civili l-Gvern ta Malta huwa ezenti milli jaghti kull garanzija preskritta jew mehtiega mill-ligi u li dan ghalhekk japplika ukoll ghall-garanzija mehtiega skond l-Artikolu 823(2)(a) tal-istess Kodici (Kap 12);

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dan il-Bord m'ghandux jordna s-sospensjoni ta l-esekuzzjoni tas-sentenza tieghu fl-ismijiet premessi tal-10 ta Ottubru 1996 (Rikors Nru 2/94) fil-pendenza tad-decizjoni tat-talba ghat-thassir u r-revoka u ghar-ritrattazzjoni ta l-istess u fl-istess ismijiet li saret permezz tac-Citazzjoni Numru 10/97 u tar-rikors Numru 1/97 N3 RC;

Illi skond l-Artikolu 905 tal-Kodici ta Organizzazjoni u Procedura Civili l-Gvern ta Malta huwa ezenti milli jaghti kull garanzija preskritta jew mehtiega mil-ligi u li dan ghalhekk japplika ukoll ghall-garanzija mehtiega skond l-Artikolu 823(2)(a) tal-istess Kodici (Kap 12);

Illi permezz ta din ic-citazzjoni l-esponent qieghed jitlob is-sospensjoni ta l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord fl-ismijiet tal-10 ta Ottubru 1996 (Rikors Nru 2/94) fil-pendenza tad-decizjoni tat-talba ghat-thassir u r-revoka u ghar-ritrattazzjoni ta l-istess u fl-istess ismijiet li saret permezz tac-Citazzjoni Numru 10/97 u tar-rikors Numru 1/97 N3 RC.

Ra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet li jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:

Illi permezz ta citazzjoni u rikors fl-istess ismijiet bhac-citazzjoni odjerna (Cit Nru 10/97 u Rikors Nru 1/97 N3 RC) presentati f’dan il-Bord fl-10 ta Jannar 1997 l-esponent talab lil dan il-Bord sabiex ihassar u jirrevoka u jordna r-ritrattazzjoni tas-sentenza tieghu tal-10 ta Ottubru 1996 fil-kawza ukoll fl-istess ismijiet bhal dik odjerna (Rikors Numru 2/94);

Illi l-konvenuti non ostante t-talba ghar-ritrattazzjoni qeghdin jinsistu illi jesegwixxu l-imsemmija sentenza tal-Bord tal-10 ta Ottubru 1996 non ostante li din hija, fil-fehma tal-esponent, inter alia, inesegwibbli;

Illi jekk tigi esegwita l-imsemmija decizjoni bil-mod kif qed jippretendu l-konvenuti qabel ma tigi deciza t-talba ghar-ritrattazzjoni l-esponent isofri pregudizzju serju billi jkun qieghed jigi imgieghel ihallas flus lill-konvenuti indebitament;

Illi l-pregudizzju li jista jsofri l-attur bl-esekuzzjoni tas-sentenza soggetta ghal-proceduri ta ritrattazzjoni certament jeccedi l-pregudizzju li jistghu isofru l-konvenuti fil-kaz illi l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza tigi sospiza u li dik is-sentenza tigi esegwita biss, jekk ikun il-kaz, wara li jigu decizi l-imsemmija proceduri ta ritrattazzjoni;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 17) ta Maria Teresa Deguara Caruana Gatto, Beatrice Amato

Gauci, Helen Miles, Nicola Jensen, Agnes Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Alfred Gera de Petri bhala proluratur tal-assenti Irene Bache u bhala ezekutur tal-eredita ta Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq, jeccepixxu bir-rispett u bil-gurament jikkonfermaw;

Illi l-procedura intestata mill-attur mhix disponibili ghalieh skond il-ligi;

Illi l-ammont in kwistjoni huwa certament dovut u ghalhekk ghandu jithallas;

Illi l-proceduri intentati mill-attur qieghedin iwasslu biex l-konvenuti ma jinghatawx kumpens xieraq, u ma jigux determinati d-drittijiet taghhom fi zmien ragonevoli bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom;

Illi l-esponenti ma ghandhom ibatu l-ebda spejjez f'dan il-proceduri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra l-verbal

Ikkonsidra,

1. Illi din ic-citazzjoni hi marbuta ghal kollox mac-citazzjoni 1C/97 li llum giet kancellata mill-lista billi qeghda hemm bla htiega mhabba proceduri ohra li fost hwejjeg ohra baqghu kollha ghal smiegh mill-gdid.

2. Illi ssir referenza shiha ghal dak l-intqal fl-atti tac-citazzjoni 1C/97 li ma hemmx htiega li l-Bord itemm.

3. Ghalhekk il-bord jordna l-kancellament mill-lista ta din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------